MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1301/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Christopher Callus**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Christopher Callus ta’ 18 sena, iben Carmelo u Theresa nee’ Devlin imwieled Pieta, nhar id-19 ta’ Frar 1991, u li joqghod fil-fond numru 23, Triq Ananija Housing Estate, Safi, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 157191M

Akkuzat, talli nhar it-12 ta’ Dicembru, 2009, ghall-habta tal-4:30p.m. gewwa Hal-Safi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol lil Harold Falzon u Chaterine Grixti, jew li jqieghed il-hajja taghhom f’periklu

car hedded lil imsemmija persuni permezz ta' arma tan-nar;

2. Fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq jew hsara lil propjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

3. Akkuzat ukoll talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Harold Falzon u Chaterine Grixti biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprejta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza'.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm f' xi fond jew kellu fil pussess tieghu jew garr barra minn xi fond jew dintorni tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi zamm arma tan-nar mhux fil-fond li ghalih kienet licenzjata dik l-arma u cioe' senter tal-ghamla Breda numru P 12486.

6. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied.

7. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi hebb ghall persuni ta' Harold Falzon u Chaterine Grixti.

Il-Qorti giet mitluba li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi, cioe' Harold Falzon u Chaterine Grixti u l-familja taghhom, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk il-Qorti giet mitluba sabiex tordna il-konfiska tal-arma regolari jew munizzjon li kienu qed jinzammu jew jingarru, jigu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jigu impurtati jew esportati mibjghin jew trasferiti bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’dan l-att bhala konsegwenza tal-piena ghal dan il-ksur kif ukoll li jigi sospiz minn kull licenza taht dan l-att.

Rat l-artikoli 251B, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 5(1), 52 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll l-eta ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 5(1), 52 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija li b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn, qed tikkundannah ukoll ghall-multa ta’ sebgha’ mitt Euro (€700). Il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’l-arma li ntuzat fit-

twettieq ta' dawn ir-reati u cioe dik bin-numru ta' serjie D91946, u qed tordna ukoll is-sospensjoni ta' kull licenzja f'isem l-imputat ghaz-zammha u/jew garr ta' kalwunkwe arma ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

In oltre, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Harold Falzon u Chaterine Grixti l-Qorti qed tobbliga lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena li ma jdejjaqx jew jimmolestax lill-imsemmija persuni taht penali ta' sebgha mitt Euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------